# MIN LIBBES IL-VARA TA' SAN BARTILMEW

Waħda mill-akbar xogħlijiet ta` l-arti f'Malta, kif ukoll l-aktar ħaġa prezzjuża li għandu r-raħal tagħna hi il-vara ta' San Bartilmew. Għalkemm ma nafux fi żgur min għamel din il-vara, nafu li saret fil-Belt Eterna, Ruma, u li inxtrat minn għand Vinċenzo Ambrosini f'April 1771 għas-somma ta' 55 skud Ruman ekwivalenti għall-123 skud u 17 il-karlin Maltin. Ħafna jaħsbu li din kienet xi xogħol mhux komplut ta Melchiorre Gafa'. Nafu li f'Settembru 1772, Dun Stiefnu Mifsud kiteb lil Isqof Mons. Pellerano li din kienet għada njam u mhix miżbuha.

Achille Ferris fid-" Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo" jgħidilna li: "La statua portabile di San Bartolomeo e` una bell'opera di legno, eseguita a Roma, pero` qui venne perfezionata da Francesco Zahra." Nafu li barra Francesco Zahra żewġ artisti Maltin oħra ħadmu fuq din il-vara. Dawn kienu l-istatwarju Wistin Camilleri u l-induratur magħruf Francesco Coleiro.

_Francesco Zahra._

Francesco Zahra twieled l-Isla fil-15 ta` Diċembru 1710. Missieru kien Mastru Paolo Zahra li kien arkitett u skultur. Kellu erba` ħutu bniet u ħuħ Feliċ li kien ukoll skultur. Meta kellu biss għaxar snin kien għamel żewg pitturi għall-Knisja ta` l-Isla. Zahra tgħallem taħt il-pittur Gian Nicola Buħagiar. Il-kwadri ta` Zahra insibuhum f`ħafna knejjes ta Malta u Għawdex fosthom it-titulari tal-Basilika ta` Birkirkara u il-koppla tal- Katidral ta` l-Imdina u l-Awla kapitulari fejn jinsab il-kapulavur tiegħu: San Pawl. Fil-Knisja Parrokjali tagħna għandna żewġ kwadri tal-kor: ic-Ċena u t-Twelid ta` Gesu`.

Francesco Zahra kien dak li libbes il-vara ta` San Bartilmew wara li ġiet minn Ruma. Din żgur li kienet waħda mill-aħħar xogħlijiet tiegħu għaliex meta ħadem fuq din il-vara kellu 61 sena. Francesco Zahra miet fil-1773 u ġie midfun fil- Knisja tan-Nawfraġju ta` San Pawl fil-Belt Valletta.

_Wistin Camilleri_

Wistin Camilleri twieled fl-1885 fil-Belt Victoria ta` Għawdex minn ġenituri Zwieten. Studja l-arti f`Malta taħt Giuseppe Cali u Cardona. Ta` 22 sena mar Ruma jistudja fl-akkademja ta` San Luqa. Wistin Camilleri kien statwarju tajjeb u hu msemmi mhux biss f`Malta iżda ukoll barra. Ħadem ukoll għadd kbir ta' statwi tal-kartapesta kemm għall-Malta kif ukoll għal barra, fosthom għall-Awstralja, Amerika, Kanada, Tunis u franza. Fil-Paroċċa tagħna għandna Statwa ta' san Mikiel li hi xogħol tiegħu . Ħadem ukoll l-Anġli u l-appostli ta' barra tar-raħal tagħna.Wistin Camilleri fl-1912 qabel ma ġiet indurata minn Francesco Colerio.

_Francesco Coleiro_



Francesco Coleiro kien l-induratur li żejjen il-vara ta` San Bartilmew bid-deheb fl-1912. Francesco Coleiro twieled fiż-Żurrieq fis-16 ta` Diċembru 1862. Sa minn ċkunitu kien mitfuħ fuq l-arti: tad-disin, żgraffit u induratura. Wara tagħallem taħt Mastru Pawlu Paris fil-Belt Valletta mar jaħdem fl-Alġerija iżda ma damx wisq li ritorna pajjiżu fiż-Żurrieq fejn fetaħ ħanut ta` l-induratura. L-ewwel xogħol li kien għamel u li kien suċċess kbir kienet l-induratura ta`San Pawl f'Ħal-Safi. Din hi waħda mill- aqwa xogħolijiet tiegħu fejn wera` l-ħila tiegħu ta` l-induratura b`disinji u żgraffiti mżewqa bil-kuluri. Fl-1893 fetaħ il-ħanut tal-Belt fejn indura għadd kbira ta vari fosthom Santa Liena ta` Birkirkara, Santa Katarina taż-Żurrieq u l-Vitorja tal-Mellieħa. Il-vara ta` San Bartilmew libbisha b`disinn mill-isbaħ wara li ġiet restawrata minn Wistin Camilleri u meta kienet lesta inġarret fuq l-ispalla mill-ħanut tiegħu tal-Belt sar-raħal tagħna fejn saru festi kbar. Wieħed jammira s-sbuħija ta` din il-vara meta l-aħħar raġġi tax-xemx, f`jum il-festa jinfirxu fuqha waqt li tkun ħierġa mill-Knisja. Sewwa kiteb fuqha Annibale Preca, il-kittieb ta "l-Istorja Sagra":- "Il-vara ta` San Bartilmew thennik bil-ġmiel tagħha."

JULIAN BEZZINA